# Aċċess Pubbliku għad-Dokumenti 2014

## Il-kontribut tal-Bureau għar-Rapport Annwali tal-Parlament Ewropew

**Unità tat-Trasparenza**
Servizz ta' Riċerka tal-Parlament Ewropew
Parlament Ewropew
*Marzu 2015*

## DAĦLA

Sa mit-3 ta' Diċembru 2001, il-Parlament, il-Kunsill u l-Kummissjoni qed japplikaw ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tagħhom.

Bi qbil mal-Artikolu 17(1) ta' dan ir-Regolament: "*Kull istituzzjoni għandha tippubblika ta' kull sena rapport għas-sena ta' qabel inklużi n-numru ta' każijiet fejn l-istituzzjoni rrifjutat li tagħti aċċess għal dokumenti, ir-raġunijiet għal dawn ir-rifjuti u n-numru ta' dokumenti sensittivi mhux reġistrati fir-reġistru*".

Skont l-Artikolu 116(7) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament, il-kumitat tal-Parlament responsabbli għal-leġiżlazzjoni dwar it-traparenza, jiġifieri il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (LIBE), għandu jħejji r-rapport annwali msemmi fl-Artikolu 17(1) tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001, abbażi tal-informazzjoni pprovduta mill-Bureau u misluta minn sorsi oħra. Ir-rapport annwali tal-Kumitat LIBE għandu mbagħad jitressaq quddiem il-Plenarja.

Id-dokument jikkostitwixxi proposta għall-kontribut tal-Bureau għar-rapport annwali tal-Parlament Ewropew għall-2014 imsemmi fl-Artikolu 17(1) tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001;

## DWAR IL-METODOLOĠIJA

Fil-proposta għall-kontribut tal-Bureau għar-rapport annwali tal-Parlament Ewropew għall-2014 ntużaw tqassim modifikat u metodoloġija adattata. Dan l-approċċ hu intenzjonat biex ikun iktar faċili biex jiftiehem mill-utenti u biex iwassal sett ta' ċifri koerenti. Minħabba l-istruttura modifikata, f'ċerti każi m'għadux possibbli li ċ-ċifri għall-2014 jitqabblu ma' dawk ipprovduti fir-rapporti għas-snin preċedenti.

B'mod partikolari, skont il-metodoloġija użata:

- Iċ-ċifri dwar id-dokumenti kkonsultati u mitluba jirreferu biss għad-dokumenti speċifikati;
- L-applikazzjonijiet għal numri kbar ħafna jew indefiniti ta' dokumenti, li l-istituzzjoni ma setgħetx tidentifika (minn hawn 'il quddiem "dokumenti mhux speċifikati"), mhumiex riflessi fl-istatistika dwar id-dokumenti kkonsultati u mitluba;
- Iċ-ċifri dwar l-applikazzjonijiet għal aċċess għad-dokumenti jqisu kemm id-dokumenti speċifikati u kemm dawk li mhumiex;
- Aċċess parzjali jitqies bħala rispons pożittiv;
- L-applikazzjonijiet konfermatorji għandhom x'jaqsmu ma' rifjuti totali u aċċess parzjali;
- L-applikazzjonijiet konfermatorji jiġu kkalkolati għas-sena tal-applikazzjonijiet inizjali korrispondenti.

## INDIĊI

*Sommarju Eżekuttiv* ........................................................ *4*

*KAPITOLU I* ........................................................ *6*

*Implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 fl-2014.6*

A) Kontenut tar-reġistru pubbliku tad-dokumenti tal-Parlament ........ 6

B) Ċifri dwar id-dokumenti kkonsultati u mitluba ........ 7

C) Ċifri dwar l-applikazzjonijiet ........ 10

D) Il-profili tal-applikanti ........ 12

*KAPITOLU II* ........................................................ *14*

*Tendenzi u kwistjonijiet speċifiċi relatati mal-aċċess għad-dokumenti fl-2014* ........ *14*

A) Dokumenti relatati mal-Membri ........ 14

B) Użu akbar ta' siti interattivi fuq l-internet ........ 14

C) Applikazzjonijiet kumplessi u amministrazzjoni tajba: il-każ ta' talbiet għal dokumenti relatati ma' proċeduri ta' akkwist pubbliku ........ 15

D) Kooperazzjoni interistituzzjonali ........ 16

*KAPITOLU III* ........................................................ *17*

*Id-deċiżjonijiet tal-Ombudsman dwar ilmenti kontra l-Parlament* ........ *17*

A) Ilment ġdid ........ 17

B) Rakkomandazzjoni ........ 17

*Kummenti Finali* ........................................................ *18*

*A)* ........ *Ilmenti ġodda* ........ *16*

B) Rakkomandazzjoni ........ 16

*Kummenti Finali*

# Proposta għal Kontribut tal-Bureau għar-Rapport Annwali tal-Parlament Ewropew dwar l-Aċċess Pubbliku għad-Dokumenti - 2014 (Artikolu 17 tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001)

## *Sommarju Eżekuttiv*

*Ċifri*

- L-għadd ta' referenzi għal dokumenti fir-reġistru pubbliku kompla jikber, b'żieda ta' 10 % meta mqabbel ma' dak tal-2013. Sal-31 ta' Diċembru 2014, id-databażi tar-reġistru kienet tinkludi 560 724 referenza għal dokumenti.
- 433 576 dokument ġew ikkonsultati direttament fuq is-sit tar-reġistru pubbliku tal-Parlament fuq l-internet, jiġifieri aktar minn erba' darbiet in-numru ta' dokumenti li ġew ikkonsultati direttament fl-2013. Matul l-istess perjodu, il-Parlament irċieva, permezz tal-formola ta' applikazzjoni fuq l-internet jew permezz ta' email, 370 applikazzjoni (43 biex jitolbu dokumenti li kienu qatt ma ġew divulgati qabel) li kienu jinvolvu 532 dokument speċifikat, bi tnaqqis apparenti ta' 14 % meta mqabbel ma' dawk tal-2013. Dan it-tnaqqis, madankollu, ma jqisx il-31 applikazzjoni addizzjonali li kellhom x'jaqsmu ma' numru kbir jew indefinit ta' dokumenti mhux speċifikati, li ma kienx possibbli li jiġu reġistrati għal finijiet ta' statistika.
- Mill-532 dokument speċifikat, 95 ma kinux ġew divulgati lill-pubbliku qabel. Il-Parlament irrilaxxa 80, waqt li f'żewġ każi pprovda aċċess parzjali. Ir-rata ta' rispons pożittiv kumplessivament fl-2014 kienet għalhekk ta' 98 %, bi qbil mat-tendenza tas-snin preċedenti.
- Erba' applikazzjonijiet konfermatorji, skont l-Artikolu 8 tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001, tressqu b'segwitu għal rifjut fl-istadju inizjali. Fi tliet każi, il-Parlament ikkonferma l-pożizzjoni inizjali tiegħu, waqt li f'każ minnhom il-Parlament pprovda aċċess aktar estensiv għad-dokument mitlub.
- L-akkademiċi u r-rikerkaturi baqgħu jirrappreżentaw l-akbar proporzjon ta' applikanti. 39 % tal-applikanti ġew minn din il-kategorija.

*Tendenzi:*

- Mill-applikazzjonijiet li rċieva l-Parlament fl-2014, 8,5 % minnhom kellhom x'jaqsmu ma' dokumenti relatati mal-Membri, b'mod partikolari mal-allokazzjoni baġitarja u n-nefqa tal-allowances min-naħa tal-Membri individwali, ma' dokumenti tal-Kumitat Konsultattiv dwar il-Kodiċi ta' Mġiba tal-Membri, kif ukoll ma' dokumenti li possibilment jistgħu juru kuntatti bejn ir-rappreżentanti ta' interess u l-Membri individwali fil-kuntest tal-proċeduri leġiżlattivi.
- L-użu akbar ta' siti interattivi fuq l-internet bħal "Ask the EU", ikkontribwixxa għal aktar viżibilità għar-reġistru pubbliku, iżda fl-istess ħin ħoloq tħassib rigward l-applikazzjoni ta' ċerti rekwiżiti ġuridiċi imposti fuq l-istituzzjonijiet.
- F'ċerti applikazzjonijiet bdiet tidher kumplessità dejjem tikber, b'mod partikolari minn min kien ressaq offerta bla suċċess fi proċeduri ta' akkwist pubblika għal aċċess għad-dokumenti relatati mal-proċeduri li jkunu tefgħu offerta għalihom.
- Fl-2013, tressaq ilment wieħed ġdid mal-Ombudsman kontra l-Parlament fir-rigward ta' talba għal aċċess pubbliku għall-petizzjonijiet li jkun fihom data personali. L-inkjesta tal-Ombudsman dwar l-ilment 262/2012/OV dwar il-minuti tal-koordinaturi ngħalqet b'suċċess

b'kumment ulterjuri li jitlob lill-Parlament jinkludi l-minuti eżistenti tal-koordinaturi mil-leġiżlatura tal-2009-2014 fir-reġistru pubbliku.

## KAPITOLU I

***Implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 fl-2014***

### A) Kontenut tar-reġistru pubbliku tad-dokumenti tal-Parlament

Ir-reġistru pubbliku tad-dokumenti tal-Parlament jinkudi referenzi għal dokumenti Parlamentari uffiċjali sa mill-2001.

In-numru ta' referenzi għal dokumenti żdied kull sena, b'żieda ta' 10 % fl-2014 meta mqabbel ma' dak tal-2013. Sal-31 ta' Diċembru 2014, id-databażi tar-reġistru kienet tinkludi 560 724 referenza għal dokumenti (li jirrappreżentaw 3 623 179 dokument meta jitqiesu l-verżjonijiet lingwistiċi kollha). L-ebda dokument sensittiv, skont it-tifsira tal-Artikolu 9 tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001, ma ġie rreġistrat fir-reġistru pubbliku tad-dokumenti tal-Parlament.

*(Figura 1)* ***Evoluzzjoni tar-reġistru pubbliku tad-dokumenti tal-Parlament***



## B) Ċifri dwar id-dokumenti kkonsultati u mitluba

Bi qbil mal-Artikolu 12 tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001, bejn 90 u 95 % tad-dokumenti tal-Parlament jistgħu jiġu kkonsultati direttament fuq is-sit tar-reġistru pubbliku tal-Parlament fuq l-internet[1]. Id-dokumenti li ma jistgħux jiġu kkonsultati direttament jistgħu jintalbu permezz tal-formola ta' applikazzjoni fuq l-internet[2] jew permezz ta' email.

### *B.1) Dokumenti kkonsultati direttament*

L-aktar ta' spiss, il-viżitaturi waslu għas-sit tar-reġistru pubbliku tal-Parlament fuq l-internet permezz tal-magna tat-tiftix Google jew permezz tal-portal Europa. Sa mill-2011, is-sit tar-reġistru pubbliku tal-Parlament fuq l-internet esperjenza żieda kostanti fl-għadd ta' dokumenti kkonsultati. Fl-2014, 433 576 dokument ġew ikkonsultati direttament fuq is-sit tar-reġistru pubbliku tal-Parlament fuq l-internet, jiġifieri aktar minn erba' darbiet in-numru ta' dokumenti li ġew ikkonsultati direttament fl-2013.

It-tipi tad-dokumenti li l-aktar ġew ikkonsultati kienu (f'ordni dixxendenti): mistoqsijiet għal tweġiba bil-miktub[3] (37,17 %); tweġibiet għal mistoqsijiet (31,08 %); testi adottati (3,9 %); avviżi lill-Membri (3,55 %); mozzjonijiet għal riżoluzzjonijiet (3,13 %); emendi għal rapporti (2,25 %); rapporti (2,21 %); aġendi tal-kumitati (1,26 %) u minuti tal-kumitati (1,6 %).

*(Figura 2)* ***Numru ta' dokumenti kkonsultati fuq is-sit tar-reġistru pubbliku tad-dokumenti fuq l-internet***




[1] http://www.europarl.europa.eu/RegistreWeb/search/simpleSearchHome.htm?language=MT
[2] https://www.secure.europarl.europa.eu/RegistreWeb/requestdoc/secured/form.htm?language=MT
[3] Artikolu 30 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament.

***B.2) Dokumenti mitluba permezz tal-formola ta' applikazzjoni fuq l-internet jew permezz ta' email***

Fl-2014, il-Parlament irċieva 370 applikazzjoni, permezz tal-formola ta' applikazzjoni fuq l-internet jew permezz ta' email, li kienu jinvolvu 532 dokument speċifikat, bi tnaqqis apparenti ta' 14 % meta mqabbel mal-ammont ta' dokumenti speċifikati mitluba fis-sena preċedenti.

*(Figura 3)* ***Numru ta' dokumenti speċifikati mitluba permezz tal-formola ta' applikazzjoni fuq l-internet jew permezz ta' email***




Madankollu, it-tali tnaqqis ma jqisx il-31 applikazzjoni addizzjonali li l-Parlament irċieva fl-2014, fejn intalab aċċess għal numru kbir jew indefinit ta' dokumenti (ġieli aktar minn 1000), u li ma kienx possibbli li jiġu reġistrati għal finijiet ta' statistika, peress li jinvolvu ħidma konsiderevoli ta' identifikazzjoni u riċerka minħabba d-data meta nħolqu, il-klassifikazzjoni tagħhom, is-suġġett tagħhom jew l-għadd ta' snin koperti (eż. applikazzjoni li tkun saret għal "id-dokumenti kollha relatati ma'...", "id-dokumenti kollha li jinkludu informazzjoni dwar...", "id-dokumenti mill-1995 sal-lum dwar..." eċċ.)[4].

Mill-532 dokument speċifikat, 95 kienu dokumenti li qabel ma kinux ġew divulgati lill-pubbliku. Il-Parlament irrilaxxa 80 mill-95 dokument speċifikat li qabel ma kinux ġew divulgati, u f'żewġ każi pprovda aċċess parzjali.

[4] L-applikazzjonijiet għal dokumenti mhux speċifikati ma jiġux riflessi fl-istatistika inkluża f'dan ir-rapport li tirreferi għan-numru ta' dokumenti mitluba.

*(Figura 4)* ***Numru ta' dokumenti speċifikati li qabel ma kinux ġew divulgati u ta' dokumenti rilaxxati***




Fl-2014, il-Parlament irrifjuta l-aċċess pubbliku għal 15-il dokument speċifikat li qabel ma kinux ġew divulgati.

*(Figura 5)* ***Numru ta' dokumenti speċifikati li qabel ma kinux ġew divulgati u ta' dokumenti rrifjutati***



## C) Ċifri dwar l-applikazzjonijiet[5]

Fl-2014, b'kollox il-Parlament irċieva 401 applikazzjoni, li 43 minnhom kienu jinvolvu dokumenti li qabel ma kinux ġew divulgati lill-pubbliku.

Prinċipalment, l-applikazzjonijiet kellhom x'jaqsmu ma' dokumenti relatati mal-Membri (8,5 %), dokumenti amministrattivi relatati mal-infrastruttura u l-finanzi (7,0 %), testi adottati (6,9 %), rapporti verbatim tal-proċedimenti (4,7 %), dokumenti tal-Bureau (4,4 %), korrispondenza uffiċjali (4,2 %) u petizzjonijiet (2,2 %).

B'mod partikolari, l-applikazzjonijiet għal dokumenti li qabel ma kinux ġew divulgati prinċipalment kellhom x'jaqsmu ma' opinjonijiet ġuridiċi tal-Parlament (16 %), in-nefqa tal-Membri (11 %), noti tal-Bureau (5 %) u rapporti interni oħra, b'mod speċjali rapporti dwar il-laqgħat tat-trilogu (7 %).

Mill-401 applikazzjoni li rċieva fl-2014, il-Parlament irrisponda b'mod pożittiv fi 393 każ, meta pprovda l-aċċess għad-dokumenti mitluba. F'żewġ każi, il-Parlament ipprovda biss aċċess parzjali.

*(Figura 6)* ***Numru ta' applikazzjonijiet u tweġibiet pożittivi***




5 L-applikazzjonijiet huma relatati ma' dokumenti speċifikati u mhux.

Fir-rigward tad-dokumenti li qabel ma kinux ġew divulgati, il-Parlament irrisponda b'mod pożittiv għal 35 mit-43 applikazzjoni li rċieva fl-2014.

*(Figura 7)* ***Numru ta' applikazzjonijiet għal dokumenti li qabel ma kinux ġew divulgati u tweġibiet pożittivi***




Fl-2014, il-Parlament irrifjuta l-aċċess pubbliku fi tmien każi permezz ta' deċiżjoni ffirmata mis-Segretarju Ġenerali, l-awtorità kompetenti għall-applikazzjonijiet inizjali.

*(Figura 8)* ***Numru ta' applikazzjonijiet għal dokumenti li qabel ma kinux ġew divulgati u rifjuti***



Erba' applikazzjonijiet konfermatorji[6], skont l-Artikolu 8 tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001, tressqu b'segwitu għal rifjut fl-istadju inizjali. Fi tliet każi, il-Parlament ikkonferma l-pożizzjoni inizjali tiegħu, waqt li f'każ minnhom ipprovda aċċess aktar estensiv għad-dokument mitlub.

Ir-rifjuti tal-Parlament kienu prinċipalment ibbażati fuq il-ħtieġa li jiġu protetti l-privatezza u l-integrità tal-individwu (punt (b) tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001), il-proċess deċiżjonali tiegħu (Artikolu 4(3) tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001) u l-interessi kummerċjali ta' persuna fiżika jew ġuridika (Artikolu 4(2) tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001).

*(Figura 9)* ***Rata tal-użu tal-eċċezzjonijiet skont l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001***




Finalment, ir-rata ta' rispons pożittiv min-naħa tal-Parlament fl-2014 baqgħet konformi mat-tendenza li nkisbet fis-snin preċedenti, b'rata ta' rispons pożittiv li kumplessivament kienet ta' 98 %, u rata ta' rispons pożittiv għall-applikazzjonijiet li jinvolvu dokumenti li ma kinux divulgati qabel li kienet ta' 81 %.

Hekk kif jiġu rilaxxati, id-dokumenti jsiru pubblikament disponibbli u jkunu jistgħu jiġu kkonsultati direttament fuq is-sit tar-reġistru pubbliku tal-Parlament fuq l-internet.

## D) Il-profili tal-applikanti

L-akkademiċi u r-rikerkaturi baqgħu jirrappreżentaw l-akbar proporzjon ta' applikanti. 39 % tal-applikanti ġew minn din il-kategorija, segwita mis-settur kummerċjali, organizzazzjonijiet ambjentali u rappreżentanti oħra ta' interess, li flimkien jirrappreżentaw 18 % tal-applikazzjonijiet. Il-proporzjon ta' talbiet minn avukati baqa' ftit jew wisq stabbli peress li ammonta għal 9 %.

Fir-rigward tal-firxa ġeografika tal-applikazzjonijiet fost l-Istati Membri tal-UE, ix-xejra għall-2014 kienet simili ħafna għal dik tas-snin preċedenti. 31 % tal-applikanti kienu bbażati fil-Belġju, segwit (f'ordni ta' daqs) mill-Ġermanja (14 %), Franza u l-Italja (9 % kull wieħed minnhom), in-Netherlands u Spanja (5 % kull wieħed minnhom) u r-Renju Unit (4 %). L-applikazzjonijiet minn pajjiżi terzi kemmxejn naqsu u rrappreżentaw madwar 8 % tat-total.

[6] L-applikazzjonijiet konfermatorji jistgħu jkunu relatati ma' rifjuti totali jew aċċess parzjali (Artikolu 7(2) tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001).

Fl-2014, il-lingwa li ntużat l-aktar ta' spiss għall-applikazzjonijiet kienet l-Ingliż (53 %), rata li baqgħet stabbli meta mqabbla ma' dik tas-snin preċedenti, segwita mill-Ġermaniz (14 %), il-Franċiż (11 %) u l-Ispanjol (7 %).

*(Figura 10)* ***Profili tal-applikanti għal aċċess għad-dokumenti fl-2014***[7]




[7] © tax-xbiehat fil-graffs: salem / Fotolia - kebox / Fotolia- Pekchar / Fotolia - DIDEM HIZAR / Fotolia - Claudio Divizia / Fotolia - ravennka / Fotolia - photolars / Fotolia - Becky Stares / Fotolia - Sylvie Bouchard / Fotolia - atScene / Fotolia - Seraphim Vector / Fotolia- valentint / Fotolia - quka / Fotolia - Gstudio Group / Fotolia - mostafa fawzy / Fotolia - BERLINSTOCK / Fotolia - Double-J Design - Unjoni Ewropea.

## KAPITOLU II

### *Tendenzi u kwistjonijiet speċifiċi relatati mal-aċċess għad-dokumenti fl-2014*

### A) Dokumenti relatati mal-Membri

Mill-applikazzjonijiet li rċieva l-Parlament fl-2014, 8,5 % minnhom kellhom x'jaqsmu ma' dokumenti relatati mal-Membri, b'mod partikolari mal-allokazzjoni baġitarja u n-nefqa tal-allowances min-naħa tal-Membri individwali, ma' dokumenti tal-Kumitat Konsultattiv dwar il-Kodiċi ta' Mġiba tal-Membri, kif ukoll ma' dokumenti li jirriflettu kwalunkwe influwenza minn rappreżentanti ta' interess fuq Membri individwali fil-kuntest tal-proċeduri leġiżlattivi (aġendi u minuti tal-laqgħat tal-Membri/rapporteurs mar-rappreżentanti ta' interessi, korrispondenza tal-Membri, eċċ.).

Fir-rigward tal-applikazzjonijiet għal aċċess għal analiżijiet fid-dettall tal-allowances u tan-nefqa tal-Membri individwali, il-Parlament japplika l-linji gwida mogħtija mill-Bureau fl-20 ta' Frar 2008, abbażi tal-aħjar prattiki li josservaw il-parlamenti nazzjonali. Billi bena fuq dan l-approċċ, il-Parlament żviluppa l-politika proattiva li jippubblika fuq is-sit tiegħu fuq l-internet l-informazzjoni ġenerali dwar l-allowances li l-Membri huma intitolati għalihom u r-regoli dwar l-allokazzjoni tagħhom. Min-naħa l-oħra, analiżijiet fid-dettall tal-ammonti li effettivament jitħallsu lill-Membri individwali ma jsirux pubbliċi, għalkemm il-Membri huma liberi li jiżvelaw informazzjoni addizzjonali.

### B) Użu akbar ta' siti interattivi fuq l-internet

F'dawn l-aħħar snin, ġiet osservata tendenza dejjem tikber mill-applikanti li jintroduċu talbiet għall-aċċess għal dokumenti permezz ta' portali pubbliċi fuq l-internet, li jippubblikaw it-talbiet flimkien mat-tweġibiet ipprovduti mill-istituzzjonijiet.

Pereżempju, fl-2014 il-Parlament irċieva 55 applikazzjoni għall-aċċess għal dokumenti (li jirrappreżentaw 14 % tat-talbiet kollha) permezz tas-sit "Ask the EU", proġett tal-pjattaforma Access Info Europe. L-indirizz tal-email funzjonali tal-Unità tat-Trasparenza tal-Parlament għall-aċċess għal dokumenti kien l-uniku punt ta' dħul għat-talbiet kollha introdotti permezz ta' dan is-sit minn mindu tnieda, indipendentement mis-suġġett tat-talba (dokumenti, informazzjoni, ilmenti, eċċ.). Is-sit jipprovdi sistema li tiġġenera indirizzi tal-email *ad hoc* għat-tressiq ta' talbiet għall-aċċess għal dokumenti, mingħajr ma l-utent jiġi rikjest jipprovdi kwalunkwe informazzjoni dwar l-identità tiegħu.

It-tweġibiet għat-talbiet mibgħuta permezz ta' "Ask the EU" jittellgħu awtomatikament fuq is-sit tal-organizazzjoni fuq l-internet u jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-pubbliku. It-talbiet lill-Parlament u t-tweġibiet tiegħu huma aċċessibbli f'taqsima partikolari tas-sit "Ask the EU"[8].

Ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 ma jirrikjedix li l-applikanti jipprovdu informazzjoni dwar l-identità tagħhom u lanqas li jagħtu raġunijiet għat-talbiet tagħhom. Madankollu, f'ċerti ċirkustanzi, in-nuqqas ta' kwalunkwe data jew informazzjoni rigward l-applikant jista' joħloq problema biex it-talbiet jiġu ttrattati kif suppost u għall-applikazzjoni korretta ta' ċerti rekwiżiti

8 http://www.asktheeu.org/en/body/european_parliament.

ġuridiċi imposti fuq l-istituzzjoni, bħall-ambitu tar-rimedju possibbli, ir-regolamentazzjoni tal-protezzjoni tad-data personali, protezzjoni kontra serq ta' identità jew l-użu ta' identità falza.

Sors partikolari ta' tħassib jista' jkun in-nuqqas ta' kwalunkwe indirizz postali min-naħa tal-applikant. L-indikazzjoni ta' indirizz postali mhux biss tippermetti li l-Parlament jikkontrobatti r-rikors abbużiv tal-aċċess għal dokumenti, waqt li jevita li jwieġeb għal talbiet fittizji minn indirizzi email foloz, iżda tippermetti wkoll li l-Parlament jiżgura ċ-ċertezza tad-dritt fir-rigward tad-data meta tkun waslet it-tweġiba tal-Parlament. Din id-data tattiva l-perjodu għall-possibilità ta' azzjonijiet ta' rimedju.

Indirizz postali jippermetti lill-Parlament jinnotifika t-tweġiba lill-applikant permezz ta' ittra rreġistrata bil-konferma tal-wasla, biex b'hekk tiġi żgurata ċ-ċertezza tad-dritt. Tabilħaqq, il-Qorti tal-Ġustizzja rrikonoxxiet li ittra rreġistrata bil-konferma tal-wasla hi metodu xieraq biex jingħata preavviż peress li tippermetti li tiġi stabbilita d-data minn meta jibda jiddekorri ż-żmien. Barra minn hekk, deċiżjoni tkun innotifikata kif dovut ladarba tkun ġiet ikkomunikata lill-persuna li lilha tkun indirizzata u dik il-persuna tkun f'pożizzjoni li tieħu għarfien tagħha[9].

Għar-raġunijiet t'hawn fuq, il-prattika tajba tal-Parlament hi li jitlob lill-applikant jipprovdi indirizz postali kull meta jkollu jiġi nnotifikat rifjut tal-aċċess għal dokumenti.

Din il-prattika tajba hi wkoll konformi mar-rekwiżiti imposti mir-regolament dwar il-protezzjoni tad-data, kif rikonoxxuti mill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data fid-deċiżjoni tiegħu tal-11 ta' Lulju 2014, b'segwitu għal ilment li qajjem il-kwistjoni ta' informazzjoni allegatament mhux meħtieġa mitluba mill-Kummissjoni fil-kuntest ta' talba għall-aċċess għal dokumenti.

## C) Applikazzjonijiet kumplessi u amministrazzjoni tajba: il-każ ta' talbiet għal dokumenti relatati ma' proċeduri ta' akkwist pubbliku

Tendenza oħra li jixirqilha tissemma' hi n-numru akbar ta' applikazzjonijiet kumplessi u kbar għall-aċċess għal dokumenti ppreżentati lill-Parlament, bħal dawk li jirrigwardaw fajls sħaħ li jkollhom x'jaqsmu ma' proċeduri ta' akkwist pubbliku. Bil-kontra ta' xi liġijiet nazzjonali, ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 ma jinkludi l-ebda dispożizzjoni dwar applikazzjonijiet inġusti, abbużivi jew li jkun ċar li ma jkunux raġonevoli. Fil-każ ta' talbiet li ma jkunux biżżejjed preċiżi, jew ta' applikazzjonijiet li jkollhom x'jaqsmu ma' dokument twil ħafna jew ma' numru kbir ħafna ta' dokument, l-uniċi alternattivi disponibbli għall-istituzzjoni jkunu rispettivament: (a) stedina lill-applikant biex jiċċara l-applikazzjoni (Artikolu 6(2) tar-Regolament (KE) 1049/2001) u (b) il-possibilità li ssir konsultazzjoni informali mal-applikant biex tinstab soluzzjoni ġusta (Artikolu 6(3) tar-Regolament (KE) 1049/2001). F'każi eċċezzjonali, l-istituzzjoni tista' wkoll testendi l-iskadenza statutorja oriġinali għat-tweġiba bi 15-il ġurnata ta' xogħol ulterjuri. Madankollu, dawn il-possibiltajiet mhux dejjem irriżultaw adegwati.

Applikazzjonijiet kumplessi jistgħu jiġġeneraw piż amministrattiv eċċessiv għall-istituzzjoni, peress li t-trattament tagħhom ta' spiss jirrikjedi ħidma ta' riċerka fil-fond biex jiġu identifikati d-dokumenti mitluba, analiżi fid-dettall ta' dokumenti tekniċi twal ħafna, l-involviment ta' diversi servizzi tal-Parlament jew il-konsultazzjoni ma' partijiet terzi.

Il-Qorti tal-Ġustizzja dan l-aħħar ikkonfermat mill-ġdid li, f'każi partikolari, fejn il-volum tad-dokumenti jew tas-siltiet li jkunu jridu jiġu ċċensurati kieku jirriżultaw f'ammont mhux raġonevoli ta' xogħol amministrattiv, il-prinċipju tal-proporzjonalità jippermetti li l-istituzzjonijiet jibbilanċjaw l-interess fl-aċċess pubbliku meta mqabbel mal-piż tax-xogħol ikkawżat mill-applikazzjoni. F'dawn il-każi partikolari, l-istituzzjonijiet jistgħu jissalvagwardjaw l-interessi ta' amministrazzjoni tajba[10].

---

[9] Kawża 42/85, Cockerill – Sambre vs Il-Kummissjoni [1985] Ġabra 3749.

[10] Kawża T-14/98, Hautala vs Il-Kunsill, para. 86; Kawża C-127/13 P, Strack vs Il-Kummissjoni, UE:C:2014:2250, para. 27.

Fl-2014, il-Parlament ittratta applikazzjonijiet kbar għall-aċċess għal dokumenti relatati mal-proċeduri ta' akkwist pubbliku taħt ir-Regolament Finanzjarju.

Jiġri ta' spiss ħafna li l-offerenti li ma jkollhomx suċċess, imma anke dawk li jkollhom, jintroduċu talbiet abbażi tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 għal dokumenti u informazzjoni relatati mal-proċeduri ta' akkwist pubbliku li jkunu ħadu sehem fihom, biex jipprovaw iduru mar-restrizzjonijiet imposti mir-Regolament Finanzjarju u r-Regoli tal-Applikazzjoni tiegħu, li huma mmirati lejn it-trattament ugwali tal-parteċipanti kollha. Dan kien il-każ, pereżempju, ta' applikazzjoni, li kienet tinvolvi madwar 10 000 dokument, imressqa minn wieħed mill-offerenti li kellu suċċess fir-rigward ta' kuntratt qafas informatiku li kien ikopri s-snin 2009-2014.

L-applikazzjonijiet ta' din in-natura, li jiġu mis-settur tan-negozju u ta' spiss jiġu ġġustifikati abbażi tal-interessi kummerċjali privati tal-applikant, mhux biss iġiegħlu lill-Parlament jaffaċċja ammont ta' xogħol sproporzjonat, iżda jidher ukoll li qed jiddevjaw mill-funzjoni oriġinali tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 li hi li jippermetti li ċ-ċittadini jieħdu sehem aktar mill-qrib fil-proċess deċiżjonali u li jiggarantixxi li l-amministrazzjoni tgawdi minn aktar leġittimità u tkun aktar effikaċi u obbligata tagħti rendikont ta' għemilha liċ-ċittadini f'sistema demokratika.

## D) Kooperazzjoni interistituzzjonali

Il-Parlament saħħaħ il-kooperazzjoni tiegħu fil-livell amministrattiv kemm mal-Kunsill u kemm mal-Kummissjoni biex isib soluzzjonijiet komuni għall-kwistjonijiet orizzontali marbuta mal-aċċess pubbliku għal dokumenti.

It-tliet istituzzjonijiet jikkonsultaw ma' xulxin sistematikament fil-każ ta' applikazzjoni għall-aċċess għal dokument li joriġina minn waħda mill-istituzzjonijiet l-oħra. Sabiex jiġi stabbilit mekkaniżmu ta' konsultazzjoni rapida, ġie konkluż Memorandum ta' Qbil fl-2002, li ġie ffirmat mir-rappreżentanti tat-tliet Segretarji Ġenerali.

F'dan il-kuntest, il-Parlament ġie kkonsultat tmien darbiet mill-Kummissjoni u darbtejn mill-Kunsill fl-2014, prinċipalment dwar atti preparati mis-Servizz Legali tal-Parlament għad-difiża ta' kawżi u dwar noti għat-trilogu.

Barra minn hekk, il-Parlament ġie kkonsultat f'żewġ okkażjonijiet mill-awtoritajiet tal-Istati Membri rigward dokumenti tal-Parlament fil-pussess tagħhom.

## KAPITOLU III

## *Id-deċiżjonijiet tal-Ombudsman dwar ilmenti kontra l-Parlament*

### A) Ilment ġdid

Fl-2014, tressaq ilment lill-Ombudsman kontra l-Parlament (1257/2014/KM), b'segwitu għal talba għall-aċċess għal dokumenti relatati ma' petizzjoni parlamentari. Min ressaq l-ilment għamel erba' allegazzjonijiet: waħda relatata mal-protezzjoni tad-data personali u tlieta rigward aspetti proċedurali. Qabel ma ddeċidiet dwar l-ammissibilità ta' dawn it-tliet allegazzjonijiet proċedurali, l-Ombudsman issuġġeriet soluzzjoni rapida lill-Parlament, sabiex tiġi akkomodata t-talba ta' min ressaq l-ilment dwar il-protezzjoni tad-data personali. Nhar il-25 ta' Settembru 2014, hekk kif talbet l-Ombudsman, il-Parlament ipprovda tweġiba addizzjonali lill-persuna li ressqet l-ilment u informa lill-uffiċċju tal-Ombudsman dwar dan. Attwalment, il-Parlament qed jistenna li l-Ombudsman tipproċedi bit-tliet allegazzjonijiet li fadal.

### B) Rakkomandazzjoni

Nhar il-31 ta' Marzu 2014, l-Ombudsman għamlet abbozz ta' rakkomandazzjoni fl-inkjesta dwar l-ilment 262/2012/OV rigward ir-reġistrazzjoni u d-disponibilità tal-minuti tal-laqgħat tal-koordinaturi tal-kumitati fuq is-sit tar-reġistru pubbliku tal-Parlament fuq l-internet.

Fl-abbozz ta' rakkomandazzjoni tagħha, l-Ombudsman tat il-parir lill-Parlament li jinkludi r-referenzi għall-minuti eżistenti tal-koordinaturi tal-kumitati fir-reġistru pubbliku tad-dokumenti tiegħu, sabiex isiru direttament aċċessibbli, bi qbil mal-Artikolu 12 tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001.

Nhar is-27 ta' Ġunju 2014, il-Parlament informa lill-Ombudsman dwar armonizzazzjoni tal-prattika tiegħu rigward il-minuti tal-koordinaturi. Sa mill-bidu tat-tmien leġiżlatura, m'għadhomx jitħejjew minuti tal-koordinaturi separati. Minflok, ir-rakkomandazzjonijiet jew id-deċiżjonijiet adottati mill-koordinaturi se jiġu inklużi fil-minuti pubbliċi tal-kumitati rispettivi, ladarba jkunu ġew approvati mill-kumitat rilevanti.

F'dan il-kuntest, f'Ottubru 2014, l-Ombudsman għalqet l-inkjesta dwar l-ilment, peress li kkunsidrat li l-Parlament kien ħa l-miżuri xierqa. Madankollu, l-Ombudsman akkumpanjat id-deċiżjoni tagħha b'kumment ulterjuri bil-parir lill-Parlament li jinkludi wkoll fir-reġistru pubbliku tad-dokumenti tiegħu l-minuti tal-koordinaturi eżistenti mfassla matul il-leġiżlatura 2009-2014.

Sabiex jiġi implimentat il-kumment ulterjuri tal-Ombudsman, inħolqot subintestatura ġdida "Koordinaturi" taħt l-intestatura "Dokumenti tal-kumitati parlamentari" fir-reġistru pubbliku tad-dokumenti tal-Parlament. Bħalissa qed jittellgħu l-minuti eżistenti tal-koordinaturi li kienu ġew adottati waqt il-leġiżlatura preċedenti.

## *Kummenti Finali*

Ir-reġistru pubbliku tad-dokumenti tal-Parlament sar għodda ta' tiftix importanti li jippermetti li ċ-ċittadini jipparteċipaw b'mod aktar mill-qrib u aktar attiv fis-sistema demokratika tal-Parlament. Ingħatat spinta ulterjuri lit-trasparenza attiva fir-rigward tar-rwol deċiżjonali tal-Parlament u n-numru tad-dokumenti li qed isiru direttament aċċessibbli qed jikber kontinwament.

Bis-saħħa tal-politika proattiva tiegħu fir-rigward tal-informazzjoni u d-dokumentazzjoni, il-Parlament seta' jqawwi l-kwantità u l-kwalità tal-informazzjoni ddisseminata lill-pubbliku ġenerali permezz tal-preżenza tiegħu fuq l-internet.

Minkejja l-fatt li, bħala konsegwenza tal-politika proattiva tal-Parlament fir-rigward tat-trasparenza, in-numru kumplessiv ta' applikazzjonijiet għall-aċċess għal dokumenti naqas, nistgħu naraw li qiegħda dejjem tiżdied il-kumplessità tal-applikazzjonijiet, li ta' spiss jiġu mis-settur kummerċjali u jkunu ġustifikati mill-interessi kummerċjali privati tal-applikant. Din it-tendenza emerġenti mhux biss iġġiegħel lill-Parlament jaffaċċja piż li ġieli jkun sproporzjonat, iżda jidher ukoll li qed tiddevja mill-funzjoni oriġinali tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 li hi li jippermetti li ċ-ċittadini jieħdu sehem aktar mill-qrib fil-proċess deċiżjonali u li jiggarantixxi li l-amministrazzjoni tgawdi minn aktar leġittimità u tkun aktar effikaċi u obbligata tagħti rendikont ta' għemilha liċ-ċittadini f'sistema demokratika.